MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2006

Numru. 1062/2006

PULIZIJA
SPETTUR RAYMOND CASSAR
SPETTUR GEOFFREY AZZOPARDI
VS
RODERICK BRINCAT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Roderick Brincat, ta' 19-il sena, bin missier mhux maghruf u Anna Maria Brincat, imwieled Pieta' fit-8 ta' Dicembru 1986, u residenti f'fond 20, Triq il-Kappillan Frangisk Azzopardi, Isla, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 21187(M), u akkuzat kif gej:
(1) talli nhar is-7 t'Ottubru 2006 ghal habta tal-hdax u nofs ta' filghaxija fl-Isla, ikkommetta serq ta' flus kontanti fl-ammont ta' circa mija u sebghin Lira Maltin (Lm170), liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-hin u bil-valur li ma jeccedix l-elf Lira Maltin u li sar ghad-dannu ta' Carmel Ellul mill-Birgu;

(2) u aktar talli fil-lejl ta' bejn is-7 u t-8 t'Ottubru 2006 f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg haddiehor, u cioe' l-flus kontanti imsemmija, misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
(3) u aktar talli nhar is-7 t'Ottubru 2006 ghal habta tal-hdax u nofs ta' filghaxija fl-Isla, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-imsemmi Carmel Ellul kontra l-volonta' tieghu, hedded li joqtol jew jaghmel offiza fuq il-persuna tal-istess Carmel Ellul, liema reat sar bil-hsieb ta' estersjoni ta' flus jew hwejjeg ohra;
(4) u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-hin li kien qieghed jaghmel delitt ta' serq, kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta' u bil-ponta;
(5) u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta' u bil-ponta minghajr il-licenzja necessarja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;
(6) u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta' Carmel Ellul, hekk kif gie ccertifikat minn Dr Anton Bugeja M.D. mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat Roderick Brincat hati tal-ewwel, it-tielet, ir-raba', il-hames u s-sitt akkuzi, u mhux hati tat-tieni akkuza li hija alternattiva ghall-ewwel akkuza u minnha tilliberah, u wara

li rat l-Artikli 261, 263, 264, 267, 270, 274(c), 277(b), 31(1)(b)(vi)(v), 86, 87 u 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u Artiklu 6 tal-Kap 480, u tikkundannah ghal tlett snin prigunerija. Din il-piena qed tinghata in vista tal-fatt illi l-imputat, minkejja l-eta' giovannili tieghu, wettaq 'hold-up' waqt illi kien armat b'sikkina jew strument li jaqta' u bil-ponta, u wettaq ferita ta' natura hafifa fuq Carmel Ellul. Illi minkejja li l-imputat ghandu fedina penali pjuttost nadifa u minkejja l-ammissjoni bikrija tieghu, din il-Qorti ma tista' bl-ebda mod tikkontempla piena alternattiva ghal piena ta' prigunerija minhabba l-gravita' tal-kaz li jitratta mhux semplicement offiza kontra l-propjeta' izda offiza ta' vjolenza fuq il-persuna.

Ingab a konjizzjoni tal-Qorti illi l-imputat huwa mxekkel bi problemi familjari, bi problemi ta' 'homelessness' u bi problemi ta' dipendenza fuq id-drogi, u ghaldaqstant il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin li l-imputat jibda' u jikkompleta program ta' rijabilitazzjoni kontra d-droga fi hdan l-istess Facilita'.

Il-Qorti tordna kopja ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------